MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta tal-25 ta' Jannar, 2008

Appell Kriminali Numru. 231/2007

**Il-Pulizija**

**v.**

**Joseph Zahra**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Joseph Zahra talli fl-24 ta' Frar 2007 ghall-habta tal-10.00 a.m. fl-Ghassa ta' Birzebbuga:

(1) Harab mill-kustodja tal-persuna jew persuni nkarigati mill-kustodja tieghu;

(2) Ingurja jew hedded jew ghamel offiza fuq l-Ispettur Johann J. Fenech, persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kien qed jaghmel jew minhabba li kien ghamel dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew li

jinfluwixxi fuqu kontra l-ligi fl-ezekuzzjoni ta' dak is-servizz;

(3) M'obdiex l-ordnijiet legittimi tal-Awtorita` jew ta' persuni nkarigati minn servizz pubbliku jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom jew b'xi mod iehor, bla jedd, indahal fi dmirijiethom, billi ma halliex lil haddiehor jaghmel dak li b'ligi jkun ordnat jew jista' jaghmel, jew billi jgib fix-xejn jew ihassar dak li haddiehor ikun ghamel skond il-ligi;

(4) Volontarjament kiser il-bon ordni jew il-kwiet tal-pubbliku;

(5) Fl-istess data f'Birzebbuga f'hinijiet differenti, saq vettura tal-ghamla Fiat Punto ta' lewn ahdar bin-numru ta' registrazzjoni HAS 801 b'giri aktar milli jmiss u b'manjiera traskurata u perikoluza;

(6) Sar recidiv b' diversi sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) liema sentenzi saru definittivi u ma jistghux jigu mibdula.

Il-Qorti giet mitluba li barra l-piena stabbilita ghal dan ir-reat tapplika l-provvedimenti ta' l-artikolu 383 tal-Kodici Kriminali ghas-sigurta` ta' l-Ispettur Johann J. Fenech;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ta' l-1 ta' Gunju 2007, li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Joseph Zahra hati tal-ewwel, it-tieni, t-tielet (assorbita fl-ewwel), il-hames u s-sitt imputazzjonijiet u, wara li rat l-artikoli 151, 95, 338(ee), 49, 50, 31 u 17 tal-Kap. 9, filwaqt li lliberatu mill-imputazzjonijiet l-ohra, ikkundannatu sitt xhur prigunerija komplessivament bin-nuqqas taz-zmien li ghamel taht arrest preventiv; u inoltre rabtitu b'obbligazzjoni taht l-artikolu 383 tal-Kap 9 li ma jimmolestax jew ikellem lill-Ispettur Johann Fenech ghall-perijodu ta' sena mid-data tas-sentenza taht penali ta' mitt lira;

Rat ir-rikors ta' appell ta' l-imsemmi Joseph Zahra pprezentat fl-14 ta' Gunju 2007 li permezz tieghu talab li

din il-Qorti tikkonferma fejn huwa gie lliberat u thassar, tannulla w tirrevoka s-sentenza appellata fejn gie misjub hati w tilliberah minn kull htija jew piena. Alternattivament, jekk din l-Qorti jidhrilha li ghandha jkun hemm piena, tirriforma s-sentenza fis-sens li tigi mposta piena aktar ekwa ghall-kaz odjern;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-aggravji ta' l-appellant bazikament jirrikjedu apprezzament mill-gdid tal-provi. Fil-fatt huwa jghid illi kien qieghed jinzamm b'mod erroneju mill-Pulizija, li huwa kien ipprovokat mill-Pulizija u kull ma ghamel li ddefenda ruhu.
Issa, kif gie kostantement ritenut, huwa principju ormaj stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-Ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura mpellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice**

F'**Blackstone's Criminal Practice 2004** naqraw ukoll (para. D23.17 pagna 1668):

**"The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**'[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**'However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether**

---

**Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it.'"**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal hekk:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f'dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat, u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament."**

Wara li din il-Qorti fliet il-provi li tressqu quddiem l-ewwel Qorti u wara li sahansitra tat lill-appellant l-opportunita` li jixhed quddiemha, din il-Qorti hija tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjonijiet li waslet ghalihom.

Fil-fatt mill-provi jirrizulta illi l-appellant kien tressaq il-Qorti u nghata l-helsien mill-arrest fejn wahda mill-kondizzjonijiet kienet li ma johrogx mid-dar. Fi proceduri precedenti pero` kien inghata l-helsien mill-arrest bil-kondizzjoni li jiffirma l-ghassa ta' Birzebbuga tliet darbiet fil-gimgha, u cioe` t-Tnejn, l-Erbgha u s-Sibt. Meta fl-24 ta' Frar 2007, li kienet il-gurnata tas-Sibt, mar biex jiffirma, l-Ispettur Johann Fenech infurmah li kien taht arrest u li ser jittiehdu passi kontra tieghu dwar ksur tal-kundizzjonijiet tal-*bail*. Skond l-Ispettur Fenech, l-appellant qallu: "Lili hallini kwiet. Jiena lilek nafek u l-familja tieghek nafha wkoll." L-Ispettur ha dan id-diskors, fil-fehma tal-Qorti gustament, bhala theddida peress illi diga` kien ha proceduri ohrajn kontra l-istess appellant ukoll dwar ksur

ta' *bail*. Dak il-hin l-appellant talab permess lill-Ispettur sabiex jiehu l-vettura tieghu d-dar biex ihalliha hemm. L-Ispettur accetta u ordna lil xi membri tal-korp (P.S. 1429 Eric Mangion, P.C. 1324 Stefan Aquilina u P.C. 550 George Zammit) sabiex jakkompanjawh sad-dar u mbaghad itellghuh il-Kwartieri Generali tal-Pulizija. Meta hargu mill-ghassa, l-appellant dahal fil-karozza tieghu u minflok ma fetah il-bibien ghall-pulizija, qabad u saq 'il hemm. Il-pulizija marru warajh izda ma lehquhx. Marru fejn joqghod izda ma sabuhx hemm l-anqas. P.C. 550 xehed li pprova jsuq ghal wara l-appellant izda l-appellant saq naqra b'mod traskurat billi qabez xi karozzi li kienu fuq iz-zebra crossing filwaqt li huma waqfu ghal xi nies li kien hemm biex jaqsmu.

Meta l-appellant xehed quddiem l-ewwel Qorti, huwa qal illi fl-24 ta' Frar 2007 kien ircieva telefonata minghand l-Ispettur Johann Fenech sabiex jinzel ikellmu l-ghassa ta' Birzebbuga. Huwa nizel u hemm l-Ispettur qallu li ser jarrestah u r-raguni kienet li kien hareg mid-dar. Skond l-appellant, huwa wiegbu li kien hareg biex jixtri x'jiekol u anke peress illi fi proceduri ohrajn kellu kundizzjoni li jiffirma t-Tnejn, l-Erbgha u s-Sibt. Huwa talab lill-Ispettur biex jiehu l-karozza tieghu d-dar u l-Ispettur ta l-kunsens tieghu. Qal li ma ostakolax lill-Pulizija biex jitilghu mieghu u l-pulizija ma telax ghax ma riedx hu. Hu saq 'il barra normali bil-karozza tal-pulizija warajh. Biex mar id-dar ha t-triq li tghaddi minn fejn il-Freeport. Huwa wasal id-dar u pparkja l-karozza tieghu wara d-dar ghax kien jaf li l-Pulizija kienu ser imorru ghalih. Cahad li lil-Ispettur kellmu hazin, jew insulentah jew heddu jew refa' idejh fuqu. L-appellant qal li l-Pulizija ma marrux ghalih. Huwa cempel lill-Avukat li qallu biex jerga' jmur l-ghassa. Huwa rega' nizel bil-karozza tieghu, l-Ispettur rega' ppermettielu biex jiehu l-karozza d-dar, idahhal il-vetturi fil-garaxx, jiehu xi haga ta' l-ikel, jinhasel u jitma l-klieb. Izda peress illi z-zewg pulizija li akkompanjawh qalulu li kienu mghagglin ma kellux hin jinhasel u jiekol. Minn hemm haduh il-*lock-up*. Wara li tressaq il-Qorti filghaxija u ttiehed lura l-*lock-up*, ma hassux jiflah u ttiehed l-Isptar fejn dam sas-27 ta' Frar 2007. Huwa cahad li qal lill-Ispettur id-diskors li semma' l-Ispettur.

Meta xehed quddiem din il-Qorti, l-appellant rega' qal li kien cempillu l-Ispettur biex imur l-ghassa ha jkellmu *"u ried jehodni l-habs. U qbadt it-triq jien u mort l-Isptar ghax kelli ugiegh ta' zaqq u brim go zaqqi. U mort ghand Dr. Busuttil ghax ghandi dritt immur."* Qal li l-Isptar kemm talabhom zewg pilloli. Jigifieri hawn l-appellant ta verzjoni differenti ta' dak li allegatament ghamel meta telaq mill-ghassa. Qal ukoll illi ma saqx bis-sahha u li fuq iz-zebra crossing waqaf ghax kien hemm n-nies qeghdin jaqsmu u kien jaf li kien hemm il-pulizija warajh. Jekk ma saqx bis-sahha, din il-Qorti ma tistax tifhem kif il-Pulizija setghu jitilfuh kemm-il darba kienu, kif jghid hu stess, warajh. Quddiem din il-Qorti esebixxa kopja ta' *case summary* mnejn jidher illi huwa inzamm l-Isptar mill-24 ta' Frar 2007 sas-27 ta' Frar 2007 u dan minhabba *"atypical chest pain"* mhux minhabba l-ugigh ta' zaqq li qal li kellu filghodu meta "harab" mill-kustodja tal-Pulizija.

Ghalhekk in vista ta' dawn il-kontradizzjonijiet fil-verzjonijiet li ta l-appellant, huwa ma jistax jitqies kredibbli fic-cahdiet tieghu, tenut kont ukoll tal-fatt li l-prosekuzzjoni pproduciet provi sufficjenti li jitwemmnu u li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment temmen.

Konsegwentement l-aggravji tieghu dwar l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti huma michuda.

Kwantu ghall-piena, l-ewwel Qorti fehmet sew is-sitwazzjoni li sab ruhu fiha l-appellant u difatti mmitigat l-piena billi mponiet piena li tigi taht il-*minimum* applikabbli ghall-kaz. Difatti l-piena minima ghall-ewwel imputazzjoni biss hi ta' prigunerija ta' sitt xhur.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata fl-intier, b'dan illi in vista ta' l-ordni maghmula mill-ewwel Qorti fis-sentenza taghha sabiex l-appellant jintrabat b'obbligazzjoni tieghu nnifsu skond l-artikolu 383 tal-Kap. 9 u peress illi din l-obbligazzjoni ma saritx quddiem l-ewwel Qorti, ghandha ssir bil-mod infraskritt.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------